**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta`Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Abdikadir Mohamud Caw-Ali**

**Kump. Nr. 93/2023**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Abdikadir Mohamud Caw-Ali** ta' erbgħa u għoxrin (24) sena, detentur tal-karta tal-identità bin-numru **164710A**, gie akkuzat talli

nhar it-30 ta' Diċembru 2022, għall-ħabta tas-seba u nofs ta' filgħodu (07.30*hrs*) u/jew fis-sigħat u/jew fil-ġranet ta' qabel, minn ġewwa l-ħanut "Danuc Hardware Store", Triq Patri Feliċjan Bilocca, il-Marsa u/jew fil-viċinanzi:

1. Irrenda ruħu **kompliċi** fit-termini tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) f'serq ta' laptop u/jew oġġetti oħra, liema **serq** hu kkwalifikat **bil-valur** billi l-oġġett jew oġġetti misruqa jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jiswewx aktar minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Emanuel Cosmin Petrila u/jew ta' xi persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tittratta mal-imputat bħala **reċidiv** *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) b'sentenzi Qrati tal-Ġustizzja tar-Repubblika ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' spejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-kunsens ta`l-Avukat Generali tat-2 ta` Frar 2023 li gie esebit bhala dok SKZ (ara fol 9);

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, liema rizultanzi jikkonfortaw sufficjentement din l-ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta’ piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, l-fedina penali tieghu li ma hijiex wahda felici, il-fatt li huwa recidiv, u naturalment in-natura serja ta` l-imputazzjoni dedotta;

**KONKLUZJONI;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-artikoli 17, 31, 42(d), 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib u tiddikjara lil **Abdikadir Mohamud Caw-Ali,** fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` tnax (12) il-xahar prigunerija.

A bazi tas-sottomissjonijiet orali tad-difensur, il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korretiva ta` Kordin sabiex l-imputat ikun jista jsegwi kull ghajnuna li jitlob ghar-riforma u riabilitazzjoni mid-droga.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur